KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 09

**It-Tnejn 6 ta' Jannar 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 09.1 Qari tal-Apoloġiji

09.1.1 Is-SE informa li ma kiemx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

09.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżenta l-minuti tal-laqgħa numru 8 li kienu meqjusa moqrija

09.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 09.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

09.3.1 Is-Sindku nforma saru bosta applikazzjonijiet mal-ERA għal-żbir jew qtugħ ta' siġar madwar l-Imtarfa.

09.3.2 Is-Sindku nforma wkoll li nxtraw xi dekorazzjonijiet għax-xelter li l-flus tagħhom se jagħmel tajjeb għalihom ir-Reġjun Tramuntana.

## 09.4 Xogħlijiet ta' Public Works

09.4.1 Is-Sindku semma l-aħħar żviluppi fuq ix-xogħlijiet tal-Public Works, kif ukoll spjega li għandna napplikaw għal-postijiet addizzjonali.

09.4.2 Il-Kunsilliera qabblu li dan għandu jsir.

## 09.5 Stand tal-Organic

09.5.1 Is-Sindku qal li fi Triq Temi Zammit għandha ssir stand minħabba l-iskart dan sabiex tiffaċilita aktar l-immaniġjar tal-iskart għar-residenti f'din l-akwata.

09.5.2 Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jsir.

## 09.6 Triq Alessi

09.6.1 Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lir-resident li ġie b'dan l-ilment. Is-Sindku qal li kien ser ikellem lir-residenta hu.

## 09.7 Siġra Triq l-Gladjoli

09.7.1 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li għandna nkelmu lil-perit sabiex qabel il-Kunsill jkun f'pozizzjoni li jkun jista jiddeċiedi, il-perit jagħmel ir-rapport neċċessarju peres li din hija kwistjoni teknika.

09.7.2 Il-Kunsill għahekk qabel li jerġa jiddiskuti dan l-item ladarba jkollna r-rapport tal-Perit.

## 09.8 Loading/Unloading Triq in-Narċiż.

09.8.1 Dan l-item ma ġiex diskuss.

## 09.9 Performance Bonus Staff + Segretarji Ezekuttivi

09.9.1 Il-Kunsill qabel li il-clerks kollha tal-Kunsill Lokali għadhom jieħdu l-massimu, iġifieri 6% filwaqt li is-Segretarju Eżekuttiv uxxenti, Josette Micallef għandha tieħu 9%, u Shawn Tanti 10% bħala Deputat SE.

Il-Kunsill qabel fuq dawn il-marki.

## 09.10 Approvazzjoni tal-Budget 2025 u Business Plan 2025-2029

09.10.1 Is-SE talab ghal approvazzjoni tal-Budget 2025 u l-Business Plan kif moqrija u approvati.

## 09.11 *Punti Oħra*

07.11.1 Il-Kunsillier Simon Fenech reġa staqsa fuq il-possibilita li jinftah ħajt temporanju fil-bandli l-antik biex f'kaz ta' aċċident wieħed ikun jista jagħmel użu minn din il-fetħa.

07.11.2 Il-Kunsillier Simon Fech staqsa wkoll hux possibbli li jsir cat shelter f'Misrah tal-Palma. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

## 09.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

09.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 08/2024), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 09.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

09.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:15pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2025.

| | |
|---|---|
| Dale Hayman | Shawn Tanti |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |